**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 4.1-09: SOLENNITA TA' L-EPIFANIJA TAL-MULEJ.**
Wara l-quddiesa ta' 10.30a.m. ikun hawn Ġesu espost biex nadurawh fuq l-eżempju tal-Maġi.
**Fis-6.00p.m.** Mons. Isqof waqt quddiesa fil-Katidral, se jagħti l-Mandat lill-Missjunarji li se jieħdu sehem fil-Missjoni Djoċesana.
Il-Missjunarji huma mitluba li jkunu preżenti.

**IT-TLIETA, 6.1.09: LAQGHA GHALL-IRGIEL**
**Fis-6.30p.m.** Illum se ssir il-Laqgħa tal-Grupp ta' Talb ta' l-Irġiel. Din se tkun fil-Knisja.
Nistiednu lill-Irġiel kollha biex jieħdu sehem.

**IL-ĠIMGĦA, 9.1.09: HARGA GHAL TAL-KOR**
**Fis-6.30p.m**. se nagħmlu ħarġa għall-membri tal-Kor tal-Kbar. Ix-xarabank titlaq mill-Pjazza tal-Knisja.

**IS-SIBT, 10.1.09: KORS GHALL-GHARAJJES**
**Fis-6.30p.m.** Jibda il-Kors ta' tħejjija għaż-Żwieġ fil-parroċċa. Il-post ikun fid-Dar Parrokkjali.
Dawk li jkunu qed iħejju għaż-żwieġ iridu jkunu għamlu l-kors tal-Moviment ta' Kana u l-Kors tal-Parroċċa.

**IL-ĦADD, 11.1.09: FESTA TAL-MAGĦMUDIJA TAL-MULEJ**
Illum minflok l-istqarrija tal-fidi nagħmlu t-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija

**SANTA INFANZJA:** Nhar is-Sibt, 3 ta' Jannar se ssir il-Festa tas-Santa Infanzja. It-tfal huma mitluba biex iġibu offerta żgħira ta' flus għat-Tfal tal-Missjoni.

**PROGRAMM TAL-MISSJONI DJOCESANA GĦAL DIN IL-ĠIMGĦA.**

**It-Tnejn, 5 ta' Jannar:**
Triq il-Kbira minn Joseph Sciberras sa Pawlu Bajada
**It-Tlieta, 6 ta' Jannar:**
Toroq Bardan, Gerxija, L-10 ta' Ottubru 1942, u Pisoniano.
**L-Erbgħa, 7 ta' Jannar:**
Triq l-20 ta' Lulju, Triq il-Kbira sa kważi l-pjazza ta' fuq u Triq Saguna wara l-Iskola l-qadima sa Stephen Spiteri.
**Il-Ħamis, 8 ta' Jannar:**
Toroq: Bebunaq, Ras in-Newwiela, Tin, Ikbiex, Pinnur u Saguna.
**Il-Ġimgħa. 9 ta' Jannar:**
Triq Tilliera.

**DUTTRINA TAT-TFAL**
Sa kemm nagħtukom avviż ieħor, minn nhar it-Tnejn it-Tfal li jattendu d-duttrina filgħodu, għandhom jattendu għall-quddiesa tas-7.45a.m. billi f'dawn il-ġranet se jkun hemm iż-żjajjar tal-Missjoni. Ir-rassenja ta' l-attendenza tinżamm xorta għal dawk li jattendu l-quddiesa.

**TQASSIM TA' L-AVVIŻI**
Il-Parroċċa għandha grupp ta' persuni li se jiġu fid-djar biex jagħtukom l-avviż bil-ġurnata li fiha se jkollkom iż-żjajjar tal-Missjunarji.
Dan l-avviż se jasal għandkom ta' l-inqas jumejn qabel ma ssir iż-żjara fid-dar taghkom.
Iż-żjajjar fil-parroċċa tagħna se jkunu minn persuni barra mir-raħal.
Min ikollu xi diffikulta' jista jċempel fl-Uffiċċju Parrokkjali, fuq in-Numru : 21551435 jew Mob: 99852615